MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2010

Numru 160/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**versus**

**Philip Bonanno.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotta kontra Philp Bonanno bin Carmel u Emanuela mwielda Casha, mwieled Ħaż-Żebbuġ (Malta) fil-11 ta' Frar 1955 u joqgħod fi Flat 5, Astra Court, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar. ID 221155 (M).

Akkużat talli

(a) Fil-21 ta' Jannar 2006 għall-ħabta tal-11.30 am, waqt li kien fi Triq l-Għollieq il-Mosta, attakka lil Juan Mula

Debono u lil Emanuel Mula u wara tahom diversi daqqiet fuq il-persuna tagħhom, ikkaġuna offiża ta' antura gravi f'wiċċ u fl-idejn il-leminija ta' Juan Mula Debono u dan skond kif ma ċċertifikaw it-tobba Raymond Grixti MD u Johanna Micallef Ellul MD taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta u tal-Isptar San Luqa rispettivament ;

(b) U aktar talli kkaġuna ħsara volontarja fin-nuċċali tal-imsemmi Juan Mula Debono u filpkarozza ta' Emanuel Mula liema ħsarat jeċċedu l-Lm50 iżda huma anqas minn Lm500 u dan għad-dannu tal-imsemmija persuni;

(ċ) Barra minn dan akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin u lok kiser il-paċi pubblika bl-għajjat u l-ġlied;

(d) U talli kkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Emanuel Mula u dan skond ma ċċertifikat t-tabiba Elizabeth Xuereb MD taċ-Ċentru tas-Saħħa Mosta.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 2211 tas-sena 1955, il-kunsensi tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu somamrji (fol 5 u 6), il-fedina penali netta tal-imputat, ir-riċevuta (dok PB2), iċ-ċertifikat rilaxxjat mit-tabiba Johanna Micallef Ellul (fol 11 PB3), iċ-ċertifikat a fol 12 rilaxxjat mit-Tabib Dr Raymond Grixti, id-dokument PB5 (fol 13), Dok PB 6 ta' Dr.Elizabeth Xuereb (fol 14 PB6), u Dok PB 7, id-dokument JHD2 a fol 41 (żewġ ritratti), id-dokument JMD4 sa 11, il-*current incident report* a fol 70, id-digriet mogħti minn din il-Qorti (fol 75) li fih laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-produzzjoni ta' record ta' xhieda li ttieħdet fi proċeduri oħra (fol 75 u 76) (ara wkoll verbal tal-11 ta' Lulju 2006; id-dokument PB (xhieda ta' Philip Bonannao) (fol 85), il-verbal li fih saret dikjarazzjoni mill-Qorti li kienet rat l-ingwanti li l-imputat allegatament kien liebes dak in-nhar tal-inċident, u t-tliet ritratti esibiti mill-imputat a fol 122.

Ikkonsidrat

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

5. Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fil-21 ta' Jannar 2006 Emanuel Mula u Juan Mula Debono kienu għamlu rapport li waqt li kienu fil-parking area tas-Self Service ta' Natu , inqalgħet ġlieda bejniethom u l-imputat minħabba xi parking spot. Kien allegat li l-imputat tahom xebgħa u kkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq Emanuel Mula u Juan Mula Debono u li kkaġuna ħsara volontarja fuq in-nuċċali ta' Juna Mula Debono (Lm84.50) li taqbeż il-Lm50. Saret ukoll ħsara fuq il-karozza ta' Emanuel Mula

6.. Mix-xhieda ta' Dr Elizabeth Xuereb irriżulta li mill-eżami li sar fuq Emanuel Mula nġabet prova li kellu laċerazzjoni superfiċjali fuq il-qorreigħa tar-ras fuq in-naħa tal-lemin. Kellu wkoll tbenġil fuq moħħu, fuq ħaddejh u fuq geddumu kollha n-naħa tal-lemin. (fol 16). Il-laċerazzjoni kienet superfiċjali.

7. Dr Raymond Grixti eżamina lil Juan Mula Debono. Dan kellu ferita f'għajnejh il-leminija, nefħa u tbenġila fuq l-eyelid il-leminija ta' fuq. Kellu tleit ferretti ta' madwar 1.5, 2 u 2.5 ċentimetri. Kienu superfiċjali fuq l-eyelid ta' fuq tal-għajn il-leminija. Imbagħad kellu tbenġila fuq il-lemin, selħa ta' madwar ċentimetru fuq il-moħħ. Kellu tbenġila fuq l-għajn il-leminija. Kellu nefħa fl-id il-leminijna. Ix-xhud qal li kellu jagħmel xi suturi fin-naħa tal-għajn il-leminija. L-offiżi kienu gravi. Lp-allegat vittma kien ibati b'uġigħ f'rasu. Meta ra lil Juan Mula Debono fl-Awla, ix-xhud seta' jinduna fejn kien għamel il-punti. (fol 22) L-offiżi fil-wiċċ saru minn xi ħaġa soda li ħabtet mal-wiċċ.

8. Xehed Juan Mula Debono li qal li waqt li ommu, missieru u hu kienu qegħdin fil-parking ta' Ta' Natu huma kellhom jistennew sakemm karozza oħra kienet qed tniżżel ix-xirja. Ġiet karozza bis-saħħa bir-reverse. Huwa mar fuq in-naħa tal-passiġġier tal-karozza li kienet ġejja. Din kienet dieħla tipaprkja fl-ispot li kien għażel l-imputat flimkien maż-żewġ membri tal-familja tieghu. Missier ix-xhud kein diġa' dieħel fil-parking u l-imputat baqa' dieħel

fil-karozza ta’ missieru u laqatha fuq il-bumper ta’ quddiem. L-imputat kellem ħażin lix-xhud meta dan tal-aħħar ġibidlu l-attenzjoni għal dak li kien għamel lill-karozza ta’ missieru. Kif ix-xhud qam minn mal-karozza qala’ daqqa f’għajnejh. Qala’ wkoll daqqa fuq idu l-leminija fejn irriżulta ksur. L-ewwel daqqa tal-imputat niżlet fuq in-nuċċali. Juan Mula Debono kellu jagħmel nuċċali ieħor. Fil-poliklinika għamlulu 9 punti f’wiċċu. Ma ġimagħtejn wara l-ophthalmic u nstabu effetti fuq l-għajn minn ġewwa. (fol 33). L-għajn ma bdietx tirrispondi għad-dawl ukoll meta kien għadda xahar. F’idejh instab il-ksur u kellha titpoġġa għadma f’postha. L-imputat kien ħareġ mill-karozza.

9. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li kien jaf li l-imputat kien sofra xi ġrieħi wkoll.

10. Fid-9 ta’ Frar 2006 (19-il jum wara l-inċident) il-punti ta’ fuq l-eyelid kienu fiequ. (fol 45)

11. Emanuel Mula xehed li pprova jidħol f’parking place flok karozza li kienet għadha kif ħarġet. Ġiet karozza b’veloċita’ qawwija u meta rah u ser tibqa’ għaddejja, ix-xhud irreversja. Is-sewwieq l-ieħor kien laqat il-karozza tax-xhud. L-imputat kien faqa’ n-nuċċali ta’ bin ix-xhud. Huwa kien ra lix-xhud jattakka lil ibnu bil-ponn. (fol 52). L-imputat kien ħataf lix-xhud minn għonqu u beda jagħtih bil-ponn fuq rasu, fuq geddumu, u f’għajnejh. Fil-karozza kellu ħsra ta’ Lm10. L-imputat kien niżżillu rasu ‘l isfel u beda jagħtih fuq rasu.

12. PS 455 Emanuel Sammut xehed li meta mar fuq il-post Emanuel Mula kellu daqqa fuq rasu u kellu nefħa kbira. Kien hemm daqqa fuq il-bumper. Kien hemm xi dmija u meta t-tifel kien mar l-għassa, it-tifel kellu d-demm. L-imputat kien qallu li huwa kien ta b’idejh biss. L-imputat kien qallu li l-missier u l-iben kienu daru għalih. L-imputat iżda ma kienx qal lli xi ħadd faqagħlu n-nuċċali (fol 65). Lill-imputat iżda kien ralu xi ġireħi u qallu biex imur jagħmel ċertifikat. (fol 66). Kien semmileu wkoll xi ġrieħi f’idjeh u saqajh.

13. Xehdet Dr Marija Agius għaleix Dr Mark Cordina kien siefer għal kollox. Hija kkonffermat li ċ-ċertifikat kien ta Dr Mark Cordina. Huwa kien ra tliet feriti fuq il-kappell tal-għajn il-leminija li kellhom ikun meħjuta. L-allegat vittma kellu nefħa fuq l-istess għajn u kellu wkoll tbenġila.

14. Xehed ukoll Joe Vella, il-propjetarju ta' Ta' Natu Supermarket. Dan qal li x'ħin ħareġ hu kien hemm daqsxejn għajjat. It-tifel kellu daqqa u kellu d-demm. Kien hu stess li ħa lit-tifel il-poliklinika tal-Mosta.

15. Peter Camilleri, rappreżentant ta' Tanti Opticians ikkonferma r-riċevuta ta' Lm84.50.

**Difiża**

16. Xehed l-imputat li qal li kien baqa' jistenna fil-karozza sakemm ikun jista' jsib parking. Ftit wara daħlu ta' Mula. Meta ra li kien hemm parking spot vojt huwa beda jħejji biex jidħol. It-tifel kien mar fuqu u qallu li l-parking kienu ser jeħduh huma. Waqt li kien qed jirreversja l-imputat qala' daqqa ta' ponn minn għand it-tifel. Tajjarlu n-nuċċali. Meta l-imputat niżel mill-karozza t-tifel kien fajjarlu daqqa oħra. Frattant wasal il-missier u ġibed l-attenzjoni tal-imputat għal dak li l-imputat kien għamel lill-karozza.

17. Ir-ritratti juru kif l-imputat waqqaf il-karozza tiegħu quddiem il-parking. It-tieni ritratt jrui l-karozza tal-allegati vittma ħdejn il-karozza tiegħu. Jidhru wkoll xi neix li kienu ġew biex iferrqu. Kienet individwata persuna – James Grech – li kien fil-karozza. L-imputat ma kienx sofra xi ġrieħi partikolari. Filfatt hekk kienu qalulu fil-poliklinika tal-Mosta. Kellu xi daqqiet ġo rasu u xi demm f'idu x-xellugija. (fol 109). Huwa nnega li kellu xi ħaġa taħt l-ingwanti. Lanqas ċurkett am kellu. Huwa kien iddefenda ruħu wara li kein aggredit. (fol 110).

18. Fil-kontro eżami l-imputat qal li kien talab il-cameras biex ikun stabbilit min kien daħal l-ewwel kif ukoll kif seħħ l-inċident.Qal ukollli ta' Mula kienu laqtuh f'saqjah (fol 114). L-imputat kien mistoqsi jekk kienx jaf li d-emm li kellu t-tifel kien riżultat tad-daqqa li ta huwa stess. L-

imputat wieġeb ‘Ma nafx.’. L-imputat kien qal lill-Pulizija li huwa ma ried xejn minn għand il-familja Mula.

19. Xhud ieħor tad-difiża kien James Grech. Ix-hud kien qiegħed fil-karozza tiegħu fil-parking ta’ Ta’ Natu meta ra lil Juan Mula jagħti bil-ponn lill-imputat. L-imputat beda jiddefendi ruħu għax kien għadu fil-karozza. Imbagħad ħareġ il-missier ukoll u kienu t-tnejn fuq l-imputat iżda ma kienx ċert jekk il-missier tax ukoll. (fol 126). Huwa kien qabad liż-żewġ Mula u tefagħhom n-naħa l-oħra.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

20. Wara li gharblet ix-xhieda kollha, il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li kien l-imputat li kien:

(a) kisser in-nuccali ta’ Juan Mula Debono;
(b) ghamel l-offizi gravi fuq l-istess Juan Mula Debono;
(c) ghamel offizi hfief fuq Emanuel Mual.

Ix-xhieda ta’ Juan Mula Debono u ta’ Emanuel Debono ma jhallu ebda dubju li l-imputat kien responsabbli ghar-reati msemmija.

21. Dwar l-offizi gravi li sofra Juan Mula Debono, skond l-Artikolu 216 tal-Kap 9, dawn m’hemmx bzonn li jkunu permanenti. Fil-fatt, skond certifikat pprezentat mill-prosekuzzjoni, jirrizulta li fi zmien gimghatejn u nofs l-offizi kienu prattikament fiequ. Izda l-fejqan mill-offizi ma jfissirx li l-offizi kienu hfief. Il-ligi tiddistingwi bejn offizi gravi, offizi gravi permamenti (jew gravissimi) u offizi hfief (Artikolu 216, 218 u 221 tal-Kap 9). L-offizi li sofra Juan Mula Debono jaqghu that l-Artikolu 216 ghaliex dawn saru fil-wicc u fl-idejn. Ix-xhieda u c-certifikat rilaxxjat minn Dr Raymond Grixti huma evidenza soda bizzejjed dwar offizi fil-wicc u n-nefha fl-idejn. Il-vittma allega li kien hemm ksur fl-idejn u l-Qorti qed toqghod fuq din ix-xhieda. Mhux bilfors li kull offiza trid tkun certifikata minn tabib kif diga stabbiliet il-kazistika tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Prim’Imhallef Dr Vincent Degeatano. Il-Qorti qed tqis wkoll li d-daqqa fuq l-ghajn

halliet konsegwenzi serji.  Ghalhekk il-Qorti qed ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni.

22. Minkejja li meta xehed l-imputat pprova jaghti l-impressjoni li ma kienx jaf x'gara lin-nuccali ta' Juan Mula Debono, il-Qorti qed tiddeciedi li kien l-imputat li kisser in-nuccali ta' dan ix-xhud.  It-tkissir sar immedjatament mad-daqqa ta' ponn fuq ghajn Juan Mula Debono.  Is-sinjal li halliet din id-daqqa ta' ponn jidher fir-ritratti prodotti minn dan ix-xhud u jirrizultaw mill-analizi medika.  Ezami tac-cirkostanzi kollha twassal ghall-konvinciment morali li l-imputat kien responsabbli ghall-hsara volontarja. Konsegwentement il-Qorti qed ssibu hati tat-tieni imputazzjoni b'dan pero li la kien hemm **intenzjoni wahda**, allura japplika l-Artikolu 17(h) ghal din l-imputazzjoni.

**It-tielet Imputazzjoni**

23. Mill-provi jirrizulta li l-imputat ta daqqiet liz-zewg persuni f'post pubbliku ghaliex il-parking area ta' supermarket hija miftuha ghal kulhadd.  Il-parking area kienet mimlija sew l-ewwelnett ghaliex kieku ma kienx jinqala' l-inkwiet fuq il-parking u t-tien ghaliex jidher li nies ohra (barra l-imputat) prezenti fil-car park waqt li sehhew ir-reati msemmija fit-tielet imputazzjoni l-ohra. Ghaldaqstant il-Qorti qed ssib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni.

**Ir-raba' Imputazzjoni**

24. Jirrizulta wkoll li l-imputat aggredixxa wkoll lil Emanuel Mula u ghamel offizi hfief ghaliex Emanuel Mula spicca b'diversi tbengil.  Ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni.

**Il-Provokazzjoni**

25. Id-difiza ssottomettiet li l-imputat kien ipprovokat.

26. Dwar din is-sottomissjoni, il-Qorti qieset din l-evidenza. L-ewwel ma rat kienet ix-xhieda moghtija mill-imputat fi proceduri ohra (li fihom kienu akkuzati l-allegati vittmi u li kienu liberati). F'dik ix-xhieda l-imputat kien xehed li hu qala' daqqa ta' ponn.

27. Il-Qorti qieset ukoll dak li al Juan Mula Debono li ammetta li kien jaf li l-imputat kien sofra xi offizi wkoll (ara para 9).

28. PS 455 Emanuel Sammut (ara para 2) xehed li **a tempo vergine** l-imputat kien qallu li l-missier u l-iben kienu daru ghalih.

29. Meta xehed matul dawn il-proceduri l-imputat rega' qal li kien qala' daqqa ta' ponn qabel bidet il-glieda (ara para 16).

30. Fl-ahhar nett semghet ix-xhud indipendenti James Grech li ra l-bidu ta' l-incident (para 1). Dan wkoll qal li l-imputat kien qala' daqqa ta' ponn meta kien ghadu fil-karozza.

31. Fil-fehma tal-Qorti, meta tqis dawn il-provi f'daqqa hemm evidenza bizzejjed sabiex tilqa' s-sottomissjonijiet tad-difiza li l-imputat kien qed jiddefendi ruhu.

32. Madankollu l-imputat mar oltra l-limitu accettat sabiex jiddefendi ruhu. Il-ligi ma ttikx dritt li ghax qlajt daqqa (wkoll jekk dina hija l-ewwwel wahda) tohrog mill-karozza u toltrepassa l-limitu kif ghamel l-imputat. Bl-ghemil tieghu l-imputat ghamel eccess tal-awtodifiza. Ghalhekk skond il-kaz, ghemilu ma kienx gustifikat u kien biss skuzat skond l-Artikolu 227 (d) tal-Kap 9.

## Konklużjoni

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17 (h), 28A, 216(1)(b), 325(1)(b), 338(dd) u 221(3)(b), 227 (d), 230 (d), 233 (1)**

**(a), 233(2) tal-Kap 9 qed ssib lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni bit-tieni imputazzjoni titqies 'assorbita' fl-ewwel wahda ghaliex kien hemm 'mens rea' wahda ghaz-zewg imputazzjonijiet. Dwar il-piena, il-Qorti qieset li l-imputat ghandu fedina penali nadifa u kien xi ftit pprovokat. B'danakollu, huwa esager fl-awtodifiza tieghu u l-gerha fuq l-ghajn kienet serja.**

**Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' seba' xhur prigunerija li ghandha tibqa' sospiza ghal zmien sentejn sakemm l-imputat ma jwettaqx xi reat iehor fil-perjodu operattiv u ghall-hlas ta' 58.50 Euro.**

**Il-Qorti widdbet lill-imputat dwar il-konsegwenzi li jista' jkun hemm f'kaz ta' twettieq ta' reat iehor fiz-zmien operattiv. Ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9, l-imputat ghandu jhallas lil Juan Mula Debono ghall-hsarat fin-nuccali li jiswew LM84.50 (197.73 Euro). Dan bla pregudizzju ghal xi drittijiet ohra spettanti lill-istess Juan Mula Debono.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------